MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 741/2007

**Talba Nru: 741/2007VGD**

Anthony Caruana & Sons Limited (C7512).

Vs

Joseph Bonnici (Id. 578159M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1285.88) ekwivalenti ghal Lm552.03, liema somma tirrapprezenta valur ta’ prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta’ attrici favur lill-konvenut. Illi l-konvenut baqa inadempjenti ghalkemm gie interpellat ghall-hlas diversi drabi, anki permezz ta’ ittra legali tal-4 ta’ Gunju 2007 u ta’ ittra ufficjali tal-4 ta’

Settembru 2007 pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-4 ta' Gunju 2007 u tal-4 ta' Settembru 2007, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi preliminarjament t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma hux il-legittimu kontradittur u dana kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Rosanne Micallef prodotta mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2008.

Ra r-rikors tal-konvenut tat-22 ta' Jannar 2008.

Ra d-Digriet ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut tat-22 ta' Jannar 2008.

Ra l-verbal tal-5 ta' Frar 2008.

Ra n-nota ta' amissjoni tal-konvenut li biha huwa ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut fir-rigward tat-talba attrici kif dedotta kontra tieghu, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u hamsa u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1285.88), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------